12.

TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 31/13-F

Nikovich Sammut
vs
Melita P.l.c.

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-1 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni, rappreżentanti nofs l-ammont li għandu jħallas lill-Melita P.l.c fuq telefonati li kienu jsiru.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien daħal f'kuntratt mas-soċjeta' ntimata fejn ingħata *mobile* b'xejn, pero' waqt iż-żmien tal-kuntratt meta kien juża t-telefon kien jinqatalu ħafna drabi u kien ikollu jerġa' jċempel u għalhekk qed jitlob rifużjoni ta' dawn it-telefonati doppji li kellu jagħmel.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi jistgħu jagħtu *discount* billi jneħħu l-*early termination fee,* pero' qed tinsisti fuq il-bilanċ pendenti ta' telefonati li jrid iħallas ir-rikorrenti fl-ammont ta' sitt mija u sitta u sebgħin ewro, u tlieta u tmenin ċenteżmi (€676.83).

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal qed jara stramba wkoll illi r-rikorrenti fetaħ il-kawża kważi tliet snin wara li għamel il-kuntratt, pero' tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiddeciedi illi l-*early termination fee* tiġi ikkanċellata mill-ammont ta' sitt mija u sitta u sebgħin ewro, u tlieta u tmenin ċenteżmi (€676.83). B'hekk ir-rikorrenti għandu jħallas lis-soċjeta' ntimata s-somma ta' ħames mija u sitta u sebgħin ewro, u tlieta u tmenin ċenteżmi (€576.83), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239688